# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' April, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 95/96 DM**

**Igino u Carmen Leone Ganado**

**vs**

**Laferla Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mis-socjeta' konvenuta kontra sentenza moghtija fil-kawza bir-riferenza u ismijiet premessi fit-23 ta' Settembru, 1999, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Rat l-avviz tal-attur fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin (Lm173) in debitament mehudha minghand l-atturi mis-socjeta' konvenuta permezz ta' mandat ta' qbid kontrihom liema flus gew depositati l-Qorti mill-marixxal tal-Qorti b`cedola numru 405/95.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn ecepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda rapport gjuridiku ma' l-atturi u dan peress illi l-operat kollu taghha fil-meritu sar esklussivament fil-kapacita taghha ta' agent u mandatarja tal-principali taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma ukoll insostenibbli ghaliex l-operat tas-socjeta' konvenuta (dejjem kif inghad bhala rappresentanti ta' haddiehor) sar b`effett u in esekuzzjoni tad-digriet opportun moghti mill-Qorti kompetenti. B`mod allura illi l-isbank ut sic qatt ma jista' jigi kkwalifikat bhala oggezzjonabbli izda jista' biss jigi attakkat id-digriet illi awtorizza tali zbank, haga illi ma tistax issir fil-presenti proceduri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti konsistenti esklussivament mid-depozizzjoni inkontestata ta' l-attur u d-dokumenti minnu esebiti, jirrizulta ampjament illi l-atturi kienu kostretti li jhallsu debitu ta' terza persuna biex jehilsu mill-effetti ta' esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid li eroneament gie mibghut ghall-esekuzzjoni fir-residenza taghhom u fuq il-propjeta' taghhom.

Ghalhekk ghandhom dritt ghar-rifuzjoni ta' l-ammont imhallas minn min talab li l-esekuzzjoni ssir fir-residenza u fuq il-beni taghhom, irrispettivament minn kull azzjoni li setghet issir biex jigi attakkat il-mandat qabel l-esekuzzjoni u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija ghalhekk michuda.

> Is-socjeta' konvenuta ma gabitx provi dwar l-ewwel ecezzjoni u ghalhekk ma jirrizultax li kienet qed tagixxi f`isem xi persuna ohra u din l-eccezzjoni hija wkoll respinta.
>
> Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, ghar-ragunijiet premessi jhallsu lill-attur is-somma mitluba ta' mija, tlieta u sebghin lira (Lm173).
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenuti".

Is-socjeta' appelanti qed titlob ir-revoka tas-sentenza appellata u dana permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fit-13 ta' Ottubru, 1999, u qed titlob ukoll li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Is-socjeta' appellanti ghandha dawn is-sottomissjonijiet in sostenn ta' l-aggravju ta' l-appell:-

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni istitwita mill-atturi giet skorrettement prezentata minnhom. L-azzjoni taghhom hi bazata fuq l-allegazzjoni li s-socjeta' konvenuta sbankat somma iddepositata minnhom fil-Qorti. Apparti illi f'din il-kawza ma giex ippruvat la d-depozitu u lanqas l-izbank, l-azzjoni kif inhi, ma ssegwix legalment minhabba li jekk sar xi zbank dan sar biss wara talba formali mis-socjeta' konvenuta maghmula permezz ta' rikors opportun u milqugh b'digriet tal-Qorti. Il-fatt ta' l-izbank allura ma jistax jigi attakkat jekk ma jigix attakkat ukoll id-digriet tal-prim'awla tal-Qorti Civili li appuntu awtorizzat tali zbank.

2. Illi l-operat tas-socjeta’ konvenuta appellanti sar biss fil-kwalita’ taghha ta’ mandatarja tad-ditta estera rapprezentata minnha. Jekk sar xi zbank allura dan seta’ sar biss ghan-nom ta’ l-istess ditta estera li allura hija l-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici.

3. L-appellanti wkoll jikkontesta, ghal dak li huwa meritu, l-attendibilita’ tal-verzjoni ta’ l-atturi. Fid-dettal l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti semghet unikament ix-xhieda ta’ l-attur Igino Leone Ganado u ta’ hadd izjed, u din ix-xhieda, in mankanza ta’ provi ohra, ma kienetx bizzejjed biex l-ewwel Onorabbli Qorti seghet takkolji t-talbiet attrici.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti difficli tifhem fuq liema bazi s-socjeta’ appellanti tippretendi li tirbah dan l-appell, meta hemm konsiderazzjoni fondamentali fid-deliberazzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti biex waslet ghall-konkluzzjonijiet minnha raggunti fis-sentenza appellata kien il-fatt illi s-socjeta’ appellanti, minn dak kollu li kienet qeghda tallega fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha, kif ukoll ghal dak li hu mertu, ma ressqet ebda prova. Bir-rizultat, li quddiem l-ewwel Qorti kien hemm biss ix-xhieda ta’ l-attur Igino Leone Ganado. Ma tantx jista’ jkun ta’ konfort

ghas-socjeta' appellanti l-fatt li ma telghax jixhed bin l-atturi, kif lanqas ma xehdet l-attrici Carmen Leone Ganado, ghaliex in realta', il-kwistjoni tirrizolvi ruhha fuq jekk dak li xehed Igino Leone Ganado kienx sufficjenti biex jiggustifika l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti fliet il-process li frankament ma tantx fih x'tifli, u tasal ghall-konkluzzjoni li l-verzjoni guramentata ta' l-appellat Igino Leone Ganado, una volta m'hijiex kontestata, u lanqas ma jidher li tista' tigi dubitata, hija determinanti, fis-sens illi hija sufficjenti biex tiggustifika l-kawzali ta' l-indebitu li hija l-bazi ta' l-azzjoni proposta kontra s-socjeta' appellanti. Mhux rilevanti dak li qed tissolleva s-socjeta' appellanti fl-ewwel zewg aggravji taghha, ghaliex, kif inghad, din hija azzjoni ghal rikbors ta' l-indebitu, u dana apparti mill-fatt illi, kif inghad, is-socjeta' appellanti anqas il-prova ta' dak li qed tallega ma ghamlet.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hliex li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif effettivament qeghda taghmel bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra is-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm